

## DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2008/119/KE

tat-18 ta' Diċembru 2008

li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni ta' l-għoġiela

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(2)</sup>,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni ta' l-għoġiela <sup>(3)</sup> ġiet emendata diversi drabi b'mod sostanzjali <sup>(4)</sup>. Għal iktar ċarezza u razjonalità, l-imsem-mija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri rratifikaw il-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni ta' l-annimali miżmuma għall-iskopijiet ta' biedja. Il-Komunità approvat ukoll din il-Konvenzjoni, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 78/923/KEE <sup>(5)</sup>.

(3) L-għoġiela, li huma annimali ħajjin, huma inklużi fil-lista tal-prodotti stabbilita fl-Anness I tat-Trattat.

(4) Iż-żamma ta' l-għoġiela hija parti integrali ta' l-agrikoltura. Tikkostitwixxi sors ta' dħul għal parti mill-popolazzjoni agrikola.

(5) Id-differenzi li jistgħu jkollhom l-effett ta' distorsjoni fuq il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni jfixxlu l-operat inostakolat ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni ta' l-għoġiela u l-prodotti ta' l-għoġiela.

(6) Għalhekk hemm il-bżonn li jkunu stabbiliti standards minimi komuni għall-protezzjoni tat-trobbija ta' l-għoġiela jew ta' għoġiela għas-simna sabiex ikun żgurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni.

(7) Huwa rikonoxxut xjentifikament li l-għoġiela għandhom jibbenefikaw minn ambjent li jkun jikkorrispondi għall-bżonnijiet tagħhom bħala speċi li tgħix f'merħla. Għal dik ir-raġuni, dawn għandhom jitrabbew fi gruppi. L-għoġiela, kemm dawk li jgħixu fi gruppi kif ukoll dawk li jinżammu għalihom, għandu jkollhom spażju biżżejjed għall-eżerċizzju, għall-kuntatt ma' bhejjem oħra, u għall-movimenti normali meta dawn ikunu bil-wieqfa jew mimdudin.

(8) Hemm bżonn li s-servizzi uffiċjali, il-produtturi, il-konsumaturi u oħrajn jinżammu aġġornati bl-iżviluppi f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni għandha għalhekk, fuq il-bażi ta' opinjoni mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza ta' l-Ikel, timxi lejn riċerka xjentifika attiva fis-sistema(i) ta' *stock-farming* l-iktar effiċjenti f'dak li jirrigwarda l-benesere ta' l-għoġiela. Għandu għalhekk jiġi provdut perijodu ta' żmien provviżorju sabiex il-Kummissjoni tingħata l-opportunita' tlesti dan l-inkarigu b'suċċess.

(9) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi konferiti fuq il-Kummissjoni <sup>(6)</sup>.

(10) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II, Parti B,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

Din id-Direttiva tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni ta' l-għoġiela miżmuma għat-trobbija u għas-simna.

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-11 ta' Diċembru 2007 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU C 324, 30.12.2006, p. 26.

<sup>(3)</sup> ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28.

<sup>(4)</sup> Ara l-Anness II, Parti A.

<sup>(5)</sup> ĠU L 323, 17.11.1978, p. 12.

<sup>(6)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

## Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "għoġol" ifisser annimal ta' l-ispeċi bovin li għandu sa sitt xhur;
- (2) "l-awtorità kompetenti" f'fisser l-awtorità kompetenti kif definita fl-Artikolu 2(6) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tikkonċerna l-ispezzjonijiet veterinarji u zootekniki applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u ta' prodotti bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern <sup>(1)</sup>.

## Artikolu 3

1. Mill-1 ta' Jannar 1998, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-azjendi mibnijin ġodda jew mibnijin mill-ġdid u għall-dawk li jibdeu jitħaddmu wara l-1 ta' Jannar 1998:

- (a) l-ebda għoġol m'għandu jinżamm f'maqjel għalih waħdu wara l-età ta' tmien ġimgħat, sakemm il-veterinarju ma jkunx iċċertifika li s-saħħa jew l-imġiba tiegħu tkun tirrikjedi li jiġi iżolat biex jingħata l-kura. Kull maqjel individwali għal għoġol għandu jkun wiesa' ta' l-anqas daqs l-għoli ta' l-għoġol sal-ħotba tas-sinsla, meta mkejjel bil-wieqfa, u għandu jkun twil ta' l-anqas daqs it-tul tal-ġisem ta' l-għoġol, imkejjel mit-tarf ta' mnieħru sat-tarf tad-denb tat-tuber ischii (il-pin bone), immultiplikati b'1,1.

Imqajel individwali għall-għoġiela (ħlief għal dawk fejn jiġu iżolati annimali morda) m'għandux ikollhom ħitan solidi, iżda ħitan imtaqqba li jkunu jippermettu lill-għoġiela li jkollhom kuntatt dirett bil-vista u bil-mess;

- (b) fil-każ ta' l-għoġiela li jinżammu fi gruppi, l-ispazju mingħajr tfixkil li għandu jkollu kull għoġol għandu jkun ta' l-anqas ekwivalenti għal 1,5 m<sup>2</sup> għal kull għoġol b'piż ħaj ta' anqas minn 150 kilogramm, ta' l-anqas ekwivalenti għal 1,7 m<sup>2</sup> għal kull għoġol b'piż ħaj ta' 150 kilogramm jew aktar iżda anqas minn 220 kilogramm, u ta' l-anqas ekwivalenti għal 1,8 m<sup>2</sup> għal kull għoġol b'piż ħaj ta' 220 kilogramm jew aktar.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu m'għandhomx japplikaw għal:

- (a) azjendi b'anqas minn sitt għoġiela;
- (b) għoġiela miżmuma ma' ommhom biex jerdgħu.

2. Mill-31 ta' Diċembru 2006, id-dispożizzjonijiet previsti f'paragrafu 1 għandhom japplikaw għall-azjendi kollha.

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

## Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet għat-trobbija ta' l-għoġiela jimxu mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'Anness I.

## Artikolu 5

Id-dispożizzjonijiet f'Anness I jistgħu jkunu emendati skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 10(2) sabiex jittied kont tal-progress xjentifiku.

## Artikolu 6

Sa l-1 ta' Jannar 2006, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill rapport, imħejji fuq il-bażi ta' l-opinjoni mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza ta' l-lkel, dwar is-sistema(i) tal-biedja intensiva li jimxu mar-rekwiżiti għall-benessere ta' l-għoġiela mil-lat patoloġiku, zootekniku, fiżjoloġiku u ta' l-imġiba, kif ukoll l-implikazzjonijiet soċjo-ekonomiċi tas-sistemi differenti, flimkien mal-proposti rilevanti tal-konklużjonijiet tar-rapport.

Il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq dawn il-proposti mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jintbagħtu.

## Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet isiru taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità kompetenti sabiex jivverifikaw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu mħarsa.

Dawn l-ispezzjonijiet, li jistgħu jsiru fl-okkażjoni ta' l-ispezzjonijiet għal skopijiet oħra, għandhom kull sena jkopru kampjun statistikament rappreżentattiv tas-sistemi differenti tal-biedja użati f'kull Stat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 10(2), tħejji kodiċi tar-regoli li għandhom ikunu applikati meta jsiru l-ispezzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Kull sentejn, sa l-aħħar ġurnata xogħol ta' April u għall-ewwel darba sat-30 ta' April 1996, l-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet li saru matul is-sentejn ta' qabel skond dan l-Artikolu, inklużi n-numri ta' l-ispezzjonijiet li saru rigward in-numru ta' azjendi fit-territorju tagħhom.

## Artikolu 8

Sabiex ikunu importati fil-Komunità, l-annimali li ġejjin minn pajjiż terz jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti, li jċċertifika li rċewew trattament mill-inqas ekwivalenti għal dak mogħti lill-annimali li ġejjin mill-Komunità kif previst f'din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

Esperti veterinarji mill-Kummissjoni jistgħu, fejn neċessarju għall-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva, iwettqu spezzjonijiet fuq il-post bil-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti. Il-persuni li jwettqu dawn l-ispezzjonijiet għandhom jimplimentaw il-miżuri personali speċjali ta' l-iġjene neċessarji sabiex jeskludu kull riskju li jinfirx il-mard.

L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun qed issir spezzjoni għandu jagħti l-assistenza kollha neċessarja lill-esperti sabiex iwettqu dmirjiethom. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri konċernat bir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet.

L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat għandha tiegħu l-miżuri kollha li jistgħu jkunu neċessarji sabiex jikkunsidraw ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet.

Rigward ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, għandhom japplikaw d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi il-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet veterinarji fuq animali deħlin fil-Komunita' minn pajjiżi terzi <sup>(1)</sup>.

Ir-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 10(2).

*Artikolu 10*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit skond l-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel <sup>(2)</sup>.

2. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

*Artikolu 11*

L-Istati Membri jistgħu, konformement mar-regoli ġenerali tat-Trattat, iżommu jew japplikaw ġewwa t-territorji tagħhom dispożizzjonijiet aktar stretti għall-protezzjoni ta' l-għoġiela minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva. Huma għandhom javżaw lill-Kummissjoni b'tali miżuri.

*Artikolu 12*

Id-Direttiva 91/629/KEE, kif emendata mill-Atti elenkati fl-Anness II, Parti A, hi mħassra, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehem b'hal referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 13*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 14*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARNIER

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.

<sup>(2)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

## ANNEX I

1. Il-materjal użat għall-bini ta' l-akkomodazzjoni ta' l-għoġiela u partikolarment il-kaxxi u t-tagħmir li miegħu jistgħu jkollhom kuntatt l-għoġiela m'għandux jagħmel ħsara lill-għoġiela u għandu jkun kapaċi jtnaddaf u jiġi disinfezzat.
2. Sakemm jiġu stabbiliti regoli tal-Komunità fuq din il-kwistjoni, iċ-ċirkwiti elettriċi u t-tagħmir għandu ikun installat skond ir-regoli nazzjonali viġenti biex jiġu evitati xokkijiet elettriċi.
3. Insulazzjoni, tisħin u ventilazzjoni tal-bini għandhom jiżguraw li ċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, il-livell tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva ta' l-arja u l-konċentrazzjonijiet tal-gass jinżammu fil-limiti li ma jagħmlux ħsara lill-għoġiela.
4. It-tagħmir kollu awtomatiku jew mekkaniku li hu meħtieġ għas-saħħa ta' l-għoġiela għandu jkun spezzjonat mill-inqas darba kuljum. Fejn jinstabu difetti, dawn għandhom jiġu rranġati minnufih jew, jekk dan ma jkunx possibbli, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex tiġi mħarsa s-saħħa ta' l-għoġiela sakemm id-difett jiġi irranġat, l-aktar bl-użu ta' metodi alternattivi ta' għalf u li jinżamm ambjent sodisfaċenti.  
  
Fejn sistema artifiċjali ta' ventilazzjoni hija użata, għandha tiġi provduta sistema supplimentari adegwata sabiex tigarantixxi li l-arja tinbidel biżżejjed biex tippriserva s-saħħa u l-benessere ta' l-għoġiela fil-każ li ma taħdimx is-sistema prinċipali u għandha tiġi provduta sistema ta' alarm biex tavża lil dak li jżomm l-għoġiela bil-ħsara. Is-sistema ta' l-alarm trid tkun eżaminata regolarment.
5. L-għoġiela ma għandhomx jinżammu fid-dlam b'mod permanenti. Biex jitħarsu l-bżonnijiet ta' l-imġiba u fisjoloġika tagħhom, trid issir dispożizzjoni li tippermetti għall-kondizzjonijiet differenti ta' klima fl-Istati Membri, għal dawl xieraq naturali jew artifiċjali; fil-każ ta' dan ta' l-aħħar, irid jaħdem għal perjodu ta' mill-inqas għall-perijodu tad-dawl naturali normalment disponibbli bejn id-9 a.m. u l-5 p.m. Barra minn hekk, irid ikun disponibbli dawl xieraq (imwahaħal jew jista' jinġarr) b'saħħtu biżżejjed biex jippermetti li l-għoġiela jkunu spezzjonati f'kull ħin.
6. L-għoġiela li jinżammu ġewwa għandhom jiġu spezzjonati mis-sid jew mill-persuna responsabbli għall-annimali ta' l-anqas darbtejn kull jum u l-għoġiela li jinżammu barra ta' l-anqas darba kull jum; Kull għoġol li jkun jidher marid jew korrot għandu jiġi kurat kif imiss mingħajr dewmien u għandu jinkiseb il-parir veterinarju kemm jista' jkun malajr għal kull għoġol li ma jkunx jirrispondi għall-kura ta' dak li jkun irabbih. Fejn meħtieġ, l-għoġiela morda jew korrotti għandhom jiġu iżolati f'akkomodazzjoni adegwata b'post fejn jimteddu li jkun niexef u komdu.
7. L-akkomodazzjoni għall-għoġiela għandha tkun mibnija b'tali mod li tkun tippermetti li kull għoġol ikun jista' jimtedd, jistrieħ, iqum bil-wieqfa u jnaddaf lulu nnifsu mingħajr diffikultà.
8. L-għoġiela m'għandhomx jintrabtu bl-eċċezzjoni ta' l-għoġiela li jinżammu fi gruppi li jstgħu jintrabtu għal perjodi ta' mhux aktar minn siegħa waqt li jinsqew il-ħalib jew is-sostitut tal-ħalib. Meta jintuża l-irbit, dan m'għandux ikorri lill-għoġiela u għandu jiġi spezzjonat regolarment u aġġustat skond kif meħtieġ biex jiġi żgurat li ma jkunx issikkat. Kull irbit għandu jkun magħmul biex jevita r-riskju ta' strangolazzjoni jew korriment u jkun jippermetti li l-għoġol jiċċaqlaq skond il-punt 7.
9. Akkomodazzjoni, maqjel, tagħmir u għodda użati għall-għoġiela jridu jtnaddfu u jkunu disinfezzati sew biex ikunu evitati infezzjonijiet minn wieħed għall-ieħor u ż-żieda ta' l-organiżmi li jgħorru l-mard. Ħmieġ, urina u ikel mhux mittiekel jew maqlub irid jitneħħa kull meta hemm bżonn biex titnaqqas ir-riħa u jkun evitat li jiġbdu l-attenzjoni tad-dubbien u l-gerriema.
10. L-art trid tkun lixxa imma mhux tiżloq biex ikun evitat l-korriment ta' l-għoġiela u ddisinjata biex ma tkorrix jew tikkawża sofferenza lill-għoġiela weqfin jew li jimteddu fuqha. Għandha tkun adattata għad-daqs u t-toqol ta' l-għoġiela u tifforma wiċċ riġidu, indaqs u stabbli. In-naħa fejn jimteddu trid tkun komda, nadifa, u jitneħħa l-ilma b'mod adegwat u ma tridx taffettwa ħażin lill-għoġiela. Sodod xierqa jridu jkunu provduti għall-għoġiela kollha li għandhom inqas minn ħmistax.

11. L-għoġiela kollha għandhom jiġu provduti b'dieta tajba li tkun addattata għall-età, il-piż u l-ħtiġiet tagħhom f'dak li huwa komportament u fiżjoloġija, biex jikbru b'saħħithom u kkurati kif imiss. Għal dan il-għan, l-ikel tagħhom għandu jkun fih hađid biżżejjed biex jiġi żgurat li l-livell medju ta' l-emoglobina fid-demm ikun ta' l-anqas ta' 4,5 mmol/litru u r-razzjon minimu ta' l-ikel fibruż ta' kull jum għandu jiġi provdut għal kull għoġol li jkollu aktar minn ġimgħatejn, filwaqt li l-kwantità tiegħu tiżdied minn 50 g għall-250 g kull jum fil-każ ta' l-għoġiela ta' minn tmienja sa 20 ġimgħa. L-għoġiela m'għandux ikollhom sarima.
  12. L-għoġiela kollha jridu jitgħallfu għall-inqas darbtejn kuljum. Fejn l-għoġiela jinżammu fi gruppi u mhux mgħalfa ad libitum, jew b'sistema awtomatika ta' għalf, kull għoġol irid ikollu aċċess għall-ikel fl-istess ħin bħall-oħrajn tal-grupp.
  13. L-għoġiela kollha li għandhom iktar minn ħmistax irid ikollhom aċċess għal kwantità suffiċjenti ta' ilma frisk jew ikunu jistgħu jaqtgħu l-għatx tagħhom billi jixorbu likwidu oħra. Iżda, f'kondizzjonijiet ta' temp sħun jew fil-każ ta' l-għoġiela li jkunu morda, l-ilma tax-xorb għandu jkun disponibbli l-ħin kollu.
  14. It-tagħmir ta' l-għalf u ta' l-ilma jrid ikun iddisinjat, mibni, impoġġi u miżmum sabiex il-kontaminazzjoni ta' l-għalf u l-ilma ta' l-għoġiela jitnaqqas kemm jista'.
  15. Kull għoġol għandu jirċievi kolostrum bovin kemm jista' jkun malajr malli jitwieled u f'kull każ fl-ewwel sitt sigħat tal-ħajja.
-

## ANNEX II

## PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien ma' l-emendamenti suċċessivi tagħha**

(imsemmi fl-Artikolu 12)

Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE  
(ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28)

Direttiva tal-Kunsill 97/2/KE  
(ĠU L 25, 28.1.1997, p. 24)

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/182/KE  
(ĠU L 76, 18.3.1997, p. 30)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003  
(ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1)

Anness III, punt 25 biss

## PARTI B

**Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**

(imsemmi fl-Artikolu 12)

| Direttivi  | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|------------|--------------------------------------|
| 91/629/KEE | 1 ta' Jannar 1994                    |
| 97/2/KE    | 31 ta' Diċembru 1997                 |

## ANNEX III

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Direttiva 91/629/KEE                                      | Din id-Direttiva  |
|---|---|
| Artikoli 1 u 2  | Artikoli 1 u 2  |
| Artikolu 3(1)   | —   |
| Artikolu 3(2)   | —   |
| Artikolu 3(3), l-ewwel subparagrafu                       | Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu                       |
| Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, kliem introdutturju | Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, kliem introdutturju |
| Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, l-ewwel inciz       | Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, punt (a)            |
| Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, it-tieni inciz      | Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu, punt (b)            |
| Artikolu 3(3), it-tielet subparagrafu                     | Artikolu 3(2)   |
| Artikolu 3(4)   | —   |
| Artikolu 4(1)   | Artikolu 4  |
| Artikoli 5 sa 10  | Artikoli 5 sa 10  |
| Artikolu 11(1)  | —   |
| Artikolu 11(2)  | Artikolu 11   |
| —   | Artikolu 12   |
| —   | Artikolu 13   |
| Artikolu 12   | Artikolu 14   |
| Anness  | Anness I  |
| —   | Anness II   |
| —   | Anness III  |